MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 390/2005

**Untours Insurance Agents Ltd (C 5655) ghal Qatar Insurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta` Carmel Zarb u l-istess Carmel Zarb (ID 629244M)**

**Vs**

**George Tabone**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta` Frar, 2005 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat jhallashom is-somma ta` mitejn u tlieta u tmenin lira sebgha u hamsin centezmu (Lm283.57) rapprezentanti valur ta` danni sofferti fil-vettura ta` l-attur numru EAQ 474 f'incident stradali li sehh fl-1 ta` Marzu, 2004 gewwa Hal Qormi meta l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura numru CAQ 276 ghal liema ncident l-istess konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment ma` dan l-avviz ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax dekorribbli min-notifika ta`  dan l-avviz kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 25 ta` Awissu, 2005 fejn ikkontesta t-talba attrici stante li allega li kien l-istess attur Zarb unikament responsabbli ghall-imsemmi ncident filwaqt li talab lill-attur sabiex igib il-provi dwar id-danni realment subiti fl-istess incident. B’riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet

Ikkunsidra.

Illi f’dan l-incident ma jidhirx li hemm wisq divergenza fuq id-dinamika ta` kif sehh l-incident. Il-konvenut stess jammetti fix-xhieda tieghu li huwa kien miexi wara l-attur u l-impatt sehh mal-parti ta` wara fil-genb tal-lemin tal-vettura ta` l-attur mal-bieba ta` quddiem tal-passiggier tal-vettura tieghu. It-tnejn li huma kienu ghadhom kemm hargu minn fuq give way sign u l-konvenut jghid li huwa ha l-impressjoni li l-attur miexi quddiemu kien ser jigbed lejn il-lemin biex jaqbad it-triq li tiehdu l-Marsa fejn illum hemm is-supermarket il-gdid filwaqt li huwa gibed lejn ix-xellug tieghu halli jaqbad mar-roundabout fil-vicinanzi tal-Knisja ta` San Bastjan f’Hal Qormi biex jigbed lejn it-triq li tiehdok lejn Hal Luqa u precizament f’dik it-triq fejn hemm l-ufficcju tal-Express Trailers Limited. Illi mix-xhieda ta` l-istess konvenut donnu jidher li huwa l-anqas biss ra l-incident isehh, pjuttost l-ewwel hass l-impatt qabel ma` effettivament ra l-impatt.  Jghid ukoll li huwa ma waqafx mal-impatt u baqa` miexi ftit iehor sabiex, skond hu, jevita aktar hsara. Din il-verzjoni tikkombacja ma` dak li qal l-attur Zarb partikolarment tikkonferma dik il-parti tax-xhieda fejn Zarb sostna li l-konvenut li kien gej minn warajh qabez zewg vetturi ohra qabel ma ttenta jissorpassah, laqtu u baqa` sejjer. Fil-fatt anke l-warden li xehed f’dawn il-proceduri jikkonferma li ma setax jiehu

skizz peress li l-vetturi kienu mxew ‘l hinn mill-punt ta` l-impatt. Illi fil-fatt meta tezamina x-xhieda tieghu, ghandu jirrizulta li l-kontestazzjoni tieghu pjuttost tinsab aktar koncentrata fuq l-entita` tal-hsara kawzata permezz ta` dan l-incident milli r-responsabbilita` proprja ta` l-istess. Il-konvenut jallega li fil-punt fejn sehh l-impatt mal-vettura ta` l-attur din ta` l-ahhar kienet gia` tidher mahbuta minn xi ncident precedenti u kwindi m`ghandux ibghati l-ispejjez kollha nkorsi sabiex tissewwa hsara li ma gietx kagunata minnu.

Il-kwantum tad-danni jinsabu soddisfacentement ippruvati kemm id-dokumenti esebiti u kif ukoll mix-xhieda ta` Mario Mifsud. It-Tribunal josserva wkoll li l-valur tal-hsarat per se` huma fl-ammont ta` Lm242.57 u cioe` ammont abbastanza ragjonevoli ghal prezzijiet tas-suq ta` llum. Barra minn hekk ma jidhirx li l-attur Zarb gie kontestat in kontro-ezami dwar l-allegata hsara li kellu fil-vettura tieghu qabel l-incident in kwistjoni. Barra minn hekk mir-ritratti esebiti tal-vettura ta` l-attur a fol 9 tal-process ma tantx jidher li l-bumper u l-mudguard tal-attur kien daqshekk imkabar kif allegat mill-konvenut. Peress illi l-konvenut ex admissis jikkonferma wkoll li huwa baqa` miexi wara l-impatt, din tirrendi l-hsara sofferta mill-attur fil-mera tal-genb ukoll kredibbli u kwindi gustifikabbli li jsewwiha.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut George Tabone kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, kwindi jirrespingi l-eccezzjonijiet minnu sollevati, jakkolji t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma kif mitluba ta` mitejn u tlieta u tmenin lira u sebgha u hamsin centezmu (Lm283.57) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` dina l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------